MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 445/2015

**John Mary Borg maghruf bhala Jimmy**

**(I.D. 581044 M), John Borg (I.D. 389451 M)**

**Tessie Mercieca (I.D. 618853 M), Joseph Borg**

**(I.D. 0253750 M) personalment u ghan-nom**

**tal-assenti hutu Carmenu Galea, Maria Frendo,**

**Domenika Camilleri, Doris Bonavia**

**vs.**

**Dr. Victor Bugeja LL.D. u Prokuratur Legali**

**Jeanne Pierre Busuttil li b'digriet tad-29 ta'**

**Mejju, 2015, gew appuntati kuraturi deputati**

**biex jirraprezentaw sidien mhux maghrufa**

**ta’ sehem ta’ parti wahda minn sittax (1/16)**

**tal-fond in vendita**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat it-13 ta’ Mejju, 2015, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament talbu s-segwenti:

1.1. Illi l-partijiet fil-kawza huma lkoll komproprjetarji tal-fond numru 3, Sqaq Nru. 1, Triq l-Isperanza, il-Mosta, liema fond hu liberu u frank;

1.2. Illi l-istess fond ilu in komun ghal aktar minn ghaxar (10) snin;

1.3. Illi m’hemm l-ebda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal;

1.4. Illi r-rikorrenti jaqblu l-bejgh *de quo* isir ghall-prezz ta’ mija u tlieta u hamsin elf, sebgha mija u tmienja u tletin Ewro, (€153,738.00), kif stmat minn perit arkitett, (ara foll 3);

1.5. Illi permezz ta’ konvenju datat it-28 t’April, 2015, *in atti* tan-Nutar Dottor Marco Buttigieg, (ara foll 4), gie

skopert li r-rikorrenti jippossjedu sehem ta’ hmistax minn sittax, (15/16), tal-fond in dizamina;

1.6. Illi r-rikorrenti ma jafux min huma s-sidien tar-rimanenti sehem minn sittax, (1/16);

1.7. Illi l-istess fond kien mixtri minn missier ir-rikorrenti fiz-zwieg b’kuntratt datat is-7 ta’ Settembru, 1961, *in atti* tan-Nutar Dottor Angelo Sammut, (ara foll 10);

1.8. Rat l-arblu tar-razza tal-partijiet involuti, (ara foll 17);

1.9. Illi wara li jitnaqqsu l-ispejjez tal-kompra-vendita ir-rikavat ghandu jinqasam kwantu ghal 15/16 favur ir-rikorrenti u 1/16 favur l-intimati;

1.10. Illi l-intimati mhux ser ikunu pregudikati fir-rigward;

1.11. Illi allura m’hemm l-ebda gustifikazzjoni biex ma jsirx il-kuntratt *de quo*;

1.12. Illi ghaldaqstant aderew din il-qorti biex din tawtorizza l-bejgh tal-fond fuq riferit;

2.0. Rat ir-risposta ta’ l-intimati *nomine* datata l-24 ta’ Gunju, 2015, li permezz taghha sintetikament irrispondew bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti;

2.1. Illi m’humiex edotti mill-fatti;

2.2. Salv eccezzjonijiet ohra;

3. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

4. Semghet lix-xhud prodott li kkonferma l-fatti kollha elenkati fir-rikors promotur;

Ikkunsidrat:

5.0. Illi l-qorti hi ghalhekk sodisfatta li r-rikorrenti pprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement jirrizulta assodat li l-istess jissodisfaw ir-rekwiziti tal’ l-artiklu 495A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghalhekk:

**DECIDE:**

5.1. Tawtorizza l-bejgh tal-fond *de quo* bin-numru 3, Sqaq Numru 1, Triq l-Isperanza, il-Mosta, fi zmien tlett (3) xhur mill-lum;

5.2. Illi dan il-bejgh ikun fit-termini tal-konvenju *in atti* tan-Nutar Dottor Marco Buttigieg datat it-28 t’April, 2015;

5.3. Illi tappunta lill-Kuraturi Deputati indikati fl-okkju ta’ din il-procedura biex jidhru fil-kuntratt *de quo* ghan-nom u in rapprezentanza ta’ l-assenti, jekk ikun il-kaz;

5.4. Tappunta lin-Nutar Dottor Marco Buttigieg biex jirredigi u jippubblika l-kuntratt fuq indikat fiz-zmien fuq stipulat;

5.5. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura jinqasmu f’porzjonijiet ugwali bejn il-partijiet kollha involuti;

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------